

# Ħal Qormi u l-Elezzjonijiet għall-Kunsill tal-Gvern



**Dr. Joseph F. Grima**

Fl-ewwel snin tal-ħakma Ingliża fuq Malta, il-gvernaturi mexxew lil pajjiżna weħidhom sakemm fl-1835, wara ħafna aġitazzjoni min-numru ta' patrijotti Maltin, il-gvern Ingliż ta konstituzzjoni lil Malta li kienet tikkonsisti f'Kunsill tal-Gvern konsultattiv b'membri uffiċjali u oħrajn magħżulin mill-gvern stess. Dian ma ta ebda libertà politika lil Malta iżda fl-1849 pajjiżna ngħata kostituzzjoni b'Kunsill tal-Gvern li kellu wkoll funzjoni leġislattiva u kien jinkludi fih elementi li kellhom jintgħażlu minn elettorat Malti: minoranza ta' tmien (8) membri minn Kunsill ta' tmintax-il ruħ (18) kienu jiġu eletti. Din kienet l-ewwel darba li l-poplu Malti, jew aħjar parti żgħira minnu, ingħata d-dritt tal-vot li, madankollu, kien ristrett sew: kienu jivvotaw l-irġiel ta' 21 sena jew aktar li kellhom kwalifiki ta' edukazzjoni u proprjetà jew dħul ta' renta, filwaqt li n-niss kollha kienu esklużi. Iżda, minkejja dawn ir-restrizzjonijiet kollha, din il-kostituzzjoni għandha titqies bħala pass 'il quddiem fl-istorja kostituzzjonali ta' Malta, pass li fih Ħal Qormi ta sehmu wkoll għax kellu l-votanti tiegħu.

## L-Elezzjoni ta' l-1849

B'kollox, fil-gżejjer Maltin ma kienx hawn ħlief total ta' 3767 persuna eliġibbli biex jivvotaw. Kull votant ingħata l-karta tal-vot. Fl-istazzjon prinċipali ta' kull distrett tqiegħdet kaxxa ssiġillata fejn kull votant seta' jitfa l-vot tiegħu. Bħala alternattiva, kien hemm nies awtorizzati biex jiġbru ssiġillata l-voti mir-residenzi tal-votanti. It-tqassim u l-ġbir tal-voti fil-Ħames distrett, li kien jinkludi lil Ħal Qormi, kien f'idejn is-surġent G. Zammit. Qabel l-elezzjoni setgħu jsiru oġġezzjonijiet għall-votant/i, jonkella talbiet biex xi nies jiġu nklużi fil-lista tal-votanti. Fil-każ tad-distretti rurali, inkluż Ħal Qormi, dan kien sar fl-uffiċju tas-Sindku taż-Żejtin. Seba' mit-tmien membri eletti kienu jirrappreżentaw lil Malta bħala entita waħda billi kienet titqies bħala distrett elettorali wieħed u allura l-votant seta' jivvota għal mhux aktar minn erba' mil-lista tal-kandidati. Għawdex kien jeleġġi kandidat wieħed billi kull votant Għawdxi kien jivvota għal persuna waħda minn fuq il-lista Għawdxija.

Fl-elezzjonijiet għal dan il-Kunsill tal-Gvern, Ħal Qormi kien jitqies bħala parti mill-*Quinto Sindacato Campagna Undecimo Distretto*. Għall-elezzjoni ta' l-1849, fil-lista oriġinali u riveduta tal-votanti (datata 31 ta' Lulju, 1849) kien hemm b'kollox 28 votant Qormi li nkludew lis-Sindku, lill-Kappillan, ħames professjonisti, erbatax-il qassis u sebat irġiel oħra kif naraw minn din il-lista:

Dun Andrea Abela; Lorenzo Abela, Dun Pawl Agius, Dr. Albino Borg, Dr. Pietro Paolo Borg Cardona, Dun Ġakbu Borg, Dun Alwiġ Casha, Dun Mario Casha, Dun Klement Calleja, Dun Franġisk Cardona, Dun Daniel Cecy, Nutar Serafino Cecy, Dr. Luigi Agostino Chappelle (is-Sindku), Dun Ġużepp Cilia, Francesco Cristiano, Dr. Dun Ġwann Desos (il-Kappillan), Paola Ellul, l-Ispiżjar Giorgio Galdes, Nicola Galdes, Dr. Luduvico Galdes, Dr Felice Mifsud Bonnici, Dr Dun Anton Mifsud, Dun Saver Mifsud, Dun Ġużepp Muscicau, Emmanuele Palmier, Dun Saver Psaila, Don Girgor Vassallo u Paola Vassallo. Inżid li bi żball Dun Ġorġ Vassallo niżżluh bħala Girgor (Gregorio flok *Giorgio*), nuqqas li ġie rettifikat fil-listi sussegwenti.

## L-Elezzjoni ta' l-1854

L-Elezzjoni li kien imiss saret fl-1854 u din id-darba n-numru ta' votanti f'Malta u Għawdex żdied għal 4.348 ruħ. L-għadd ta' votanti Qormin (skond il-lista uffiċjali li ħarġet fid-29 ta' Settembru 1854) żdied ukoll, għalkemm marġinalment għal tletin (30), għax naqsu disgħa u żdiedu ħdax-il ruħ oħra kif ser naraw. Inbidel is-Sindku Dr Luigi Agostino Chapelle fl-1849 u postu ħadu Dr Gioacchino Giappone dei Marchesi Testaferrata fil-waqt li l-Kappillan Dun Ġwann Desos miet ta' 60 sena fid-9 ta' Mejju 1850 biex floku laħaq Dun Salv Schembri bħala r-ragħaj spiritwali tal-parroċċa Qormija. Mil-lista oriġinali mietu wkoll dawn it-tliet qassisin: Dun Ġakbu Borg ta' 69 sena fit-12 ta' Lulju, 1849; Dun Franġisk Cardona ta' 46 sena fl-14 ta' Awwissu 1849; u Dun Daniel Cecy ta' 56 sena fid-9 ta' Marzu 1853. Naqsu wkoll Francesco Cristiano, Nicola Galdes, Emmanuele Palmier u Paolo Vassallo, jista' jkun li għax mietu wkoll. Minbarra ż-żewġ eletturi ġodda li diġà semmejna, żdiedu wkoll

dawn id-disgħa oħrajn: Il-Kjeriku Nikola Abela, Michele Aquilina, Giuseppe Baldacchino, Michele Calleja, Giorgio Ellul, Dun Ġorġ Montanaro, il-Kjerikuk Salvatore Muscat, Dr Dun Pietru Pawl Psaila, u n-Nutar Giuseppe Raimondo Psaila. Inżid li Dr Dun Pietru Pawl kien magħruf bħala ż-żgħir u m'huwiex il-Monsinjur Professur (1780–1853) bl-istess isema li kien kappillan ta' Ħal Qormi bejn l-1815 u l-1821. Iż-żewġ kjeriċi kienu seminaristi li mbagħad saru qassisin bħalam jidher mil-lista tal-votanti ta' l-1859.

Il-post tal-votazzjoni kien l-uffiċċju tas-Sindku, dejjem għal min ried imur hemmhekk. It-tqassim tal-voti, u l-ġbir ta' dawk li ppreferew jivvotaw f'darhom, saru mis-surġent tal-Prima Klassi G. B. Attard.

Interessanti hu l-fatt li l-lista ta' l-1854 tinkludi wkoll l-ismijiet tat-toroq fejn kienu joqgħodu l-votanti u dan jgħinna biex ikollna lokali. Dawn it-toroq kienu: Triq Irjali San Ġorġ (Triq il-Kbira), Triq il-Barrakki, Triq Ħal Luqa, Triq San Pietru, Triq San Franġisk, Triq Dun Pietru, Triq Santa Katerina, Triq San Benedittu, Triq Raffaella (San Rafel), Piazzetta (Pjazza San Frangisk), Triq il-Vitorja u Triq San Bartilmew.

## L-Elezzjoni ta' l-1860

It-tielet elezzjoni għall-Kunsill tal-Gvern taħt il-Kostituzzjoni ta' l-1849 inżammet f'Jannar 1860 u għaldaqstant, fit-23 ta' Diċembru, 1859, inħarġet il-lista tan-nies eliġibbli biex jivvotaw. Għalhekk in-numru totali ta' votanti Maltin u Għawdxin naqas sostanzalment u niżel għal 3343 ruħ, l-għadd ta' Qormin eliġibbli għall-vot żdied għal tlieta u erbgħin (43) li fosthom kien hemm sebgħa (7) residneti fil-Ħamrun/Santa Venera li nofsu kien għadu jagħmel ma' Ħal Qormi. Barra minnhekk, erba' (4) mill-votanti kellhom ukoll id-dritt li jivvotaw għall-membru ta' Għawdex billi kienu jippossedu proprjetà hemmhekk. Għal min ried, il-post tal-votazzjoni kien l-uffiċċju tas-Sindku fil-waqt li t-tqassim u l-ġbir tal-voti kien fi ħsieb is-Surġent Paolo Busuttil.

Jekk inqabblu l-lista ta' l-1859 ma dik preċedenti, insibu li naqsu tmien (8) votanti u żdiedu wieħed u għoxrin (21) flokhom. Il-Kappillan Schembri kien laħaq Kanonku Penitenżier tal-Katidral fid-9 t'Ottubru 1854 u floku laħaq Dun Ġwann Borg li allura issa nsibuh mal-votanti Qormin. Mietu wkoll żewġ saċerdoti li kienu fuq il-lista Dun Klement Calleja fl-għomor ta' 55 sena fit-3 ta' Ġunju u Dun Mario Casha (magħruf bħala Dun Marozz) nhar l-20 ta' Diċembru, 1858 fl-età ta' 66 sena. Naqsu wkoll dawn is-sinjuri, jew għax mietu jonkella ma baqgħux joqgħodu Ħal Qormi: Lorenzo Abela, Michele Aquilina, Giuseppe Baldacchino, Michele Calleja, u Giorgio Ellul.

Kif diġà għidna, sebgħa (7) mill-votanti l-ġodda kienu joqgħodu 'l Ħamrun/Santa Venera, eżattament f'Tas-Samra (Triq Sant'Antnin) u fit-triq msemmija għal San Ġużepp. Dawn kienu: Dr. Giuseppe Borg, Dr. Giacomo Pantaleone Bruno, Dr Achille Bruno, Anacleto Conti, Dun Baskal Conti, Antonio Muscat Tolossenti, u Giovanni Battista Muscat. L-oħrajn kollha kienu joqgħodu f'Ħal Qormi, fit-toroq li diġà semmejna aktar 'il fuq iżda li magħhom issa żdiedet Triq San Bastjan. Flimkien mal-Kappillan, dawn kienu: Dun Ġużepp Abela, Giuseppe Borg, Dun Ġorġ Ciantar, Felice Falzon, Emanuele Farrugia, Gaetano Galea, Dun Ġużepp Mifsud, Saverio Mifsud, Lorenzo Muscat, il-Prokuratur Legali Emmanuele Palmier Cecy, Saverio Psaila, Dun Salv Psaila, u n-Nutar Ludovico Zarb.

## Qassisin Votanti

Fil-lista ta' l-eletturi, kemm Nazzjonali kif ukoll Qormija, wieħed jinnota l-għadd pjuttost kbir ta' ekklesjastiċi li kienu jikkwalifikaw għad-dritt tal-vot riżultat ta' l-edukazzjoni u t-tagħlim li kienu rċevew kif ukoll mill-klawsoli dwar dħul ta' renta u/jew proprjetà. Forsi jkun hawn min jaħseb li dawn il-qassissin kienu kollha wlied is-sinjuri iżda dan mhux dejjem kien ikun il-każ u nispjega għaliex. Sa ftit taż-żmien ilu, biex wieħed jilħaq saċerdot, kien rikjest li jkollu f'ismu 'patrimonju' fil-forma ta' beni jew dħul regolari ta' flus sabiex ikun aċċertat li jkollu mezz ta' għajxien. Dan kien jingħata jew mill-familja jekk ikollna l-mezzi, jonkella minn xi benefattur/i bħalma kien jiġri f'bosta każi. Allura, minħabba f'hekk, kważi l-qassisin kollha kienu jikkwalifikaw għad-dritt tal-vot.

## Il-Konfini ta' Ħal Qormi fl-1860

Mill-ftit ismijet ta' toroq li semmejna nieħdu idea ġenerali fuq il-firxa tar-raħal, apparti dik il-parti li llum tagħmel parti integrali mill-Ħamrun u Santa Venera. Fil-fatt, fl-1861 sar ċensiment li fih insibu l-lista tat-toroq kollha bin-numru ta' l-abitanti ta' kull triq. Minn dan it-tagħrif aktar wiesgħa, nisiltu li Ħal Qormi proprju kien ikopri l-parti l-antika ta' wara l-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, fuq tal-Blat, Triq il-Kbira sa fejn tiltaqa' ma' Triq Correa, Triq San Bartilmew sa fejn kienet tiltaqa' ma' Triq San Bastjan u Triq il-Vitorja sa fejn tiltaqa' ma' Triq San Bastjan ukoll. Naturalment, dan minbarra t-toroq fil-qalba tar-raħal bħal, ngħidu aħna, Triq Santa Katerina u Triq San Franġisk fost diversi oħrajn. Għalhekk jidher li r-raħal kien qed jespandi ġmielu fid-direzzjoni ġenerali ta' l-istatwa ta' San Bastjan.